MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 104/2002/1

**Alfred Cini**

**v.**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**
**u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

1.1. Din hija decizjoni dwar appell interpost mill-attur Alfred Cini minn sentenza moghtija fit-3 ta' Dicembru, 2007 fil-kawza fl-ismijiet premessi li fiha l-Qorti tal-

Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, cahdet it-talbiet tal-attur billi ddecidiet hekk:
“Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar in kwantu din il-Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni ai skond (sic) l-Artikolu 469A tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, tichad it-talbiet tal-attur.

“Spejjez kollha huma a karigu tal-istess attur.”

1.2. Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell is-sentenza appellata qeghda tigi riportata fl-intier taghha hawn taht:
“Permezz ta’ citazzjoni prezentata fid-9 ta’ Ottubru 2002, l-attur ippremetta li:

Fis-sajf tas-sena elfejn u tnejn (2002), l-attur kien qieghed jiggestixxi attivita` fil-bahar tal-bajja tar-Ramla, Ghawdex liema attivita` tikkonsisti f’kiri ta’ Water Sports, tqeghdi ta’ jet skis u bejgh fil-bahar.

“L-istess attur kien qieghed jiggestixxi din l-attivita` kummercjali bil-permessi rikjesti mill-Malta Maritime Authority.

“Fit-23 ta’ Awwissu 2002, l-Awtorita` konvenuta wara li harget Avviz ta’ Twettiq bin-numru 4777/02 fil-15 ta’ Gunju 2002, iddecidiet li illegalment televa z-zewg jet skis li l-attur kellu fil-bajja u pprojbitu, bl-ghajnuna tal-Pulizija Ezekuttiva sabiex ma jkomplix jiggestixxi n-negozju fl-istess bajja u l-konvenuti komplew jirrifjutaw li jhallu lill-attur milli jmexxi dan in-negozju tieghu, anke barra mill-buffer zone ta’ mitt metru (100m) impost mil-ligi u dana nonostante li persuni ohra, addirittura thallew jaghmlu attivita` kbira ta’ water sports fl-istess bajja u fuq ir-ramel bil-jet skis, paragliding, canoes, u affarijiet ohra.

“Dan l-agir tal-istess konvenuti hu wiehed illegali, kompletament arbitrarju u ngust ghaliex fl-ewwel lok bil-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta’ Jannar 1995 gie skedat biss il-fdalijiet tal-entrenchment fir-Ramla l-Hamra, limiti tax-

Xaghra, Ghawdex bhala Grade 1, u dan skond it-termini tal-Policy UCO 7 tal-Pjan ta’ Struttura u fit-tieni lok il-buffer zone ta’ mitt metru (100m), li gie impost ma jipprekludix lill-ebda persuna milli bl-ingenji u l-opri tal-bahar taghha tidhol fl-istess buffer zone. Tali attivita` ma tikkostitwix zvilupp aktar u aktar meta l-istess attur ittenta jkompli bl-istess attivita` kummercjali tieghu barra mill-istess buffer zone u gie mizmu xorta wahda minn din l-attivita`.

“Dan l-agir persistenement illegali u abbusiv tal-konvenuti, apparti d-diffikultajiet finanzjari kbar li holoq u qed johloq lill-istanti, ikkawza, qed jikkawza u ghad jista’ jikkawza danni konsiderevoli lill-attur, tant illi l-effett partikolari ta’ din id-decizjoni kien li l-attur ikun kostrett li jittermina dina l-attivita` tieghu u oltre dan hu sofra telf ta’ qliegh, kif ser jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

“Ghalhekk l-attur talab lill-Qorti sabiex:

“1. Tiddikjara li d-decizjoni u l-ordnijiet mehuda mill-konvenuti sabiex l-attur ma jithalliex jopera n-negozju tieghu ta’ kiri ta’ *water sports* fil-bajja tar-Ramla Hamra, fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex u b’mod preciz fil u anke barra l-buffer zone, kif stabilit u deskritt fil-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta’ Jannar 1995 u l-elevazzjoni u qbid mill-konvenuti taz-zewg jet skis, proprjeta’ tal-attur, kienet wahda illegali u abbusiva peress li ma gietx mehud kif titlob il-prattika u l-ligi u peress li tmur oltre l-poteri li l-konvenuti kellhom jew seta’ qatt kellhom.

“2. Tordna lill-konvenuti sabiex jirtiraw u/jew jirrevokaw kull ordni moghti li permezz tieghu gie prekluz milli jiggestixxi l-attivita` tieghu ta’ kiri ta’ water sports u tordna ghalhekk lill-konvenuti jirritornaw lill-attur fi stat li kienu qabel ma gew hekk maqbuda u elevate mill-konvenuti iz-zewg jet skis imsemmija.

“3. Tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur minhabba dan l-agir illegali u abbuziv taghhom.

“4. Tillikwida d-danni sofferti u li qieghed isofri l-istess attur minhabba l-agir illegali u abbuziv tal-konvenuti, liema danni huma kemm materjali u ta’ lucrum cessans u telf ta’ qliegh, kif jigi pruvat dettaljament waqt is-smiegh tal-istess kawza.

“5. Tikkundanna ghalhekk lill-istess konvenuti li in solidum bejniethom ihallsu lill-atturi d-danni kollha hekk sofferti u likwidati.

“Permezz ta’ nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-Kummissarju tal-Pulizija (fol. 28) eccepixxa:

“1. Li qed jigi mharrek inutilment peress li l-funzjoni tal-Pulizija waqt l-operazzjoni li giet imwettqa mill-konvenut l-iehor Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kienet biss illi jassiguraw il-protezzjoni tal-ufficjali tal-Awtorita` waqt il-qadi ta’ dmirijiethom.

“2. Din il-funzjoni, u cioe’ li jipprovdi sigurta’ lill-ufficjali governattivi u ta’ korpi parastatali, hi koperta bil-ligi u ghaldaqstant l-ewwel talba attrici ghandha tigi respinta fil-konfront taghhom.

“3. Peress li l-azzjoni ttiehdet kontra l-attur ittiehdet mill-konvenut l-iehor, u ghalhekk it-talba tal-attur ma tapplikax fil-konfront tieghu.

“4. Ghandu jsegwi li lanqas it-tielet u r-raba’ talba attrici m’ghandhom jintlaqghu fil-konfront tieghu.

“Permezz ta’ nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (fol. 30) gie eccepiet:

“1. Preliminarjament din il-Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni u dan skond l-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

“2. L-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettiq numu 477/02 mahrug mill-Awtorita` tal-Ippjanar hu legittimu u l-azzjonijiet mehuda mill-istess Awtorita` kienu intra vires,

ragonevoli, validi u legali u l-uniku agir illegali u irragonevoli kien tal-istess atturi.

“3. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

“Rat l-atti tal-kawza inkluz in-noti ta’ riferenzi prezentata mill-Awtorita` konvenuta u n-nota ta’ sottomissjonijiet prezentata mill-attur.

“Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Marzu 2007 meta l-attur iddikjara li m’ghandux iktar provi x’iressaq.

“Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Mejju 2007 fejn jinghad li l-partijiet qablu li ghandha l-ewwel tigi trattata u tinghata decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambejnt u Ippjanar.

“Rat in-noti prezentati mill-partijiet.

“Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Settembru 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u tal-Kummissarju tal-Pulizija.

“Ikkunsidrat:

“1. Il-fatt saljenti ta’ dan il-kaz huma s-segwenti:-

“(a) Fis-sena 1990 l-attur kellu licenzja mahruga mill-pulizija sabiex jikri *“canoes, peddle boats and windsurfers from a garage adjacent to Bevery Hill, Telegraph Street, Nadur, Gozo”* (fol. 46). Ghalkemm ma gietx ezebita l-licenzja originali, l-attur xehed li l-Pulizija kienet harget il-licenzja fl-1986. Fil-licenzja ma jissemmewx *jet skis*, u anzi wahda mill-kondizzjonijiet tal-permess hi li *“the equipment intended for hire is not mechanically propelled”*.

“(b) L-attur kien qieghed jopera negozju ta’ *water sports* minn gewwa l-bajja tar-Ramla l-Hamra limiti tax-Xaghra, Ghawdex.

"(c) L-ewwel sena li l-attur ta prova taghha li kellu jet skis registrati f'ismu u debitament licenzjati mal-Awtorita Marittima ta' Malta kien fit-8 ta' Marzu 1998 (ara fol. 20 u 21).

"(d) Fil-15 ta' Gunju 2002 l-Awtorita harget Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq numru 477/02 kontra l-attur minhabba ksur ta' kontroll tal-ippjanar li jikkonsisti fi *"zvilupp fi propjeta skedata minghajr permess li jikkonsisti f'attivita` ta' kiri ta' watersports, tqeghid ta' Jet Skis u tqeghid ta' bagi fil-bahar"*.

"(e) Fit-22 ta' Lulju 2002 l-attur appella minn dan l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq.

"(f) Fit-23 ta' Awwissu 2002 l-Awtorita konvenuta infurzat l-Avviz mahrug fil-15 ta' Gunju 2002 u hadet il-jet skis fil-kustodja taghha. Jirrizulta li kienu qeghdin jinzammu zewg jetskis fil-bahar (ara ritratt a fol. 21).

"(g) Fl-24 ta' Settembru 2003 inghatat decizjoni mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u li biha gie ddikjarat li l-attivita` tal-attur kienet tikkostitwixxi zvilupp u ghalhekk kien jirrikjedi permess ta' zvilupp.

"(h) Fil-15 ta' Marzu 2006 inghatat decizjoni mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar; *"Ghal dawn il-motivi, il-Bord jilqa' l-appell limitatament fis-sens illi in kwantu l-avviz jirreferi ghal attivita` ta' kiri ta' watersports, dan ghandu jikkolpixxi biss il-kiri ta' jetskis, filwaqt illi in kwantu jirreferi ghal tqeghid ta' jetskis u bagi fil-bahar, jikkonfermah in toto…"*.

"(i) L-attur appella minn din id-decizjoni. Permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Mejju 2007 (**Alfred Cini vs l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**), l-appell tal-attur gie michud.

"(j) L-attur ma kellux (u sal-lum jidher li ghad m'ghandux) permess ta' zvilupp sabiex iqieghed *jetskis* u bagi fil-bahar.

"2. Permezz tal-ewwel eccezzjoni moghtija mill-Awtorita` konvenuta qieghed jinghad li din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni skond l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). Dan il-provvediment jaqra hekk:

*"(4) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra"*.

"Minn qari tac-citazzjoni jidher bic-car li l-attur qieghed jitlob l-istharrig ta' eghmil amministrattiv min-naha tal-Awtorita` konvenuta. Hu jsostni li l-agir tal-Awtorita` konvenuta kien *"…illegali u abbusiva stante li ma gietx mehud kif titlob il-prattika u l-ligi u stante li tmur oltre l-poteri li l-konvenuti fic-cirkostanzi tal-kaz kellhom jew seta' qatt kellhom"* (fol. 2). L-Artikolu 469(4) tal-Kap. 12 jipprovdi: *"Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra".* Kif sewwa ntqal mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **John Cauchi vs Chairman Awtorita` tal-Ippjanar** (5 ta' Ottubru 2001): *"L-imsemmi sub-artikolu (4) tal-artikolu 469A espressament jisvesti l-Qrati Ordinarji mill-gurisdizzjoni moghtija lilhom bis-sub-artikolu (1) tal-istess artikolu 469A li jistharrgu gudizzjarjament decizjonijiet amministrattivi, fuq fatti u konsiderazzjonijiet li jkunu diga' gew mistharrga u decizi minn Bordiijiet, tribunali jew Qrati li jkunu twaqqfu, jew gew inkarigati ad hoc mil-legislatur b'xi ligi specjali biex appuntu jinvestigaw u jiddeciedu kwistjonijiet teknici jew legali imsemmija fl-istess ligi specjali"*.

"3. Mic-citazzjoni hu evidenti li l-attur qieghed jikkontesta d-decizjoni mehuda mill-Awtorita` konvenuta meta fil-15 ta' Gunju 2002 harget Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq u sussegwentement elevat u qabdet il-*jet skis* mill-bahar. Skond id-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fil-15 ta' Marzu 2006 jirrizulta li inzamm

biss fis-sehh dik il-parti tal-Avviz (numru 477/02) li tirreferi ghal kiri ta' *jet skis* u tqeghid ta' *jet ksis* u bagi fil-bahar. Tant hu hekk li fil-parti tal-motivazzjoni tad-decizjoni, il-Bord osserva: *"l-Awtorita` ammettiet illi kienet istitwiet il-proceduri ta' twettieq limitatament ghal dak li jirrigwarda l-kiri ta' jet skis u mhux ghall-attivita` ta' kiri tal-opri l-ohrajn. Ghaldaqstant, dan il-Bord jidhirlu illi ghandu jiehu konjizzjoni tal-izvilupp allegat limitatament ghal dak li jirrigwarda kiri ta' jet skis"* (fol. 188). Ghalhekk huma dawn l-attivitajiet li l-attur hu projbit milli jaghhmel u li ghandhom jigu ndirizzati f'dawn il-proceduri. F'nota guramentata prezentata fl-10 ta' Lulju 2007 l-attur spjega li:-

- Mis-sena 2002 l-attur kien thalla jopera l-attivita` tieghu u l-Awtorita` konvenuta ma ressqet l-ebda oggezzjoni ghall-attivita` li kien qieghed jopera;
- L-azzjoni diretta li ttiehdet mill-Awtorita` tal-Ippjanar kienet prematura u illegali ghaliex skond Avviz Legali 477/02 inghata erbatax-il gurnata sabiex *"tnehhi kull zvilupp li ghamilt minghajr permess u twaqqaf din l-attivita fi propjeta skedata fi zmien sittax-il gurnata"*.
- L-Att dwar l-Ambjent u Ippjanar m'huwiex retroattiv, fis-sens li l-Awtorita` tista' tissindika biss zvilupp li sehh qabel l-1992 meta ma jkunx skond il-permessi u *policies* vigenti qabel dahlet fis-sehh l-Att dwar l-Ippjanar. Punt li baqa' jsostni anke fin-nota ta' sottomissjonijiet[1] in kwantu ddikjara li *"…..l-attivita` per se ta kiri ta' opri tal-bahar kienet diga qed tigi intrapriza skond il-permessi u l-policies vigenti qabel ma dahal fis-sehh l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, liema attivita ma setghetx tigi sinkadata (recte, sindikata) peress li kienet diga tezisti qabel l-1992"*.

"Dawn huma argumenti godda li qed iressaq l-attur f'dan l-istadju tal-proceduri. Minn qari tac-citazzjoni hu evidenti li l-ilmenti li semma fin-nota guramentata tieghu tal-10 ta' Lulju 2007 ma kienux issemmew mill-attur meta ntavola c-citazzjoni. Il-Qorti ma tistax tifhem kif l-attur qieghed jargumenta li l-azzjoni mehuda mill-Awtorita` konvenuta kienet prematura gialadarba mill-atti jirrizulta li l-attur gie

[1] Prezentata fid-29 ta' Ottubru, 2007.

notifikat bl-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq fis-26 ta' Gunju 2002 u hu stess jikkonferma li l-jet skis ittiehdu fit-23 ta' Awwissu 2002 (cjoe' wara s-sittax (16) il-gurnata li jissemmew fl-Avviz). Il-meritu ta' dawn il-proceduri hu l-Avviz numru 477/2002. Inoltre, minn qari tad-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar jirrizulta li l-Bord qies jekk l-attivita` kienitx qeghda ssir qabel dahal fis-sehh l-Att 1 tal-1992. Il-Bord wasal ghal konkluzjoni li *"…..jirrizulta bic-car illi, filwaqt illi l-kiri ta' jetskis kienet attivita` li giet intrapriza mill-appellant fl-2002 u cioe' wara li gie fis-sehh l-Att dwar l-Ippjanar…."*[2].

"Fic-citazzjoni l-attur ta r-ragunijiet ghalfejn fil-fehma tieghu l-agir tal-Awtorita` (fil-hrug tal-Avviz ta' Twaqqif u Twettiq u fil-qbid tal-jetskis) kien *ultra vires*, abbuziv u illegali:

- Permezz tal-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Jannar 1995 gie skedat biss *"il-fdalijiet tal-entrenchment fir-Ramla l-Hamra, fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex bhala Grade 1, u dan skond it-termini tal-Policy UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura"*;
- *"Il-buffer zone ta' mitt metru (100m), li gie impost ma jipprekludix lill-ebda persuna milli bl-ingenji u l-opri tal-bahar taghha tidhol fl-istess buffer zone"*;
- L-attivita` li kien qieghed jaghmel l-attur ma kienitx tikkwalifika bhala zvilupp;

"Huma dawn il-lanjanzi tal-attur li l-Qorti trid tikkunsidra sabiex tara jekk ghandiex gurisdizzjoni skond l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 li tistharreg l-eghmil tal-Awtorita` konvenuta. M'huwiex permissibbli ghall-attur li fil-pendenza tal-kawza jibdel il-kawzali u d-domandi li fuqhom ikun ibbaza l-azzjoni tieghu; *"Huwa principju maghruf illi fl-ghoti ta' sentenza l-imhallef civili ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni (**Kollez. Vol. XLIX P I p 406**). Fuq kollox huwa ghandu joqghod strettament ghat-termini tal-kawzali u tat-talba kif migjuba fic-citazzjoni (**Kollez. Vol. XXXIV P I p 85**). Is-sentenza ghalhekk kellha tirrispekkja dik it-talba konsiderata fid-*

[2] Fol. 4 u 5 tad-decizjoni moghtija mill-Bord.

*dawl tal-provi prodotti u tal-principji tad-dritt applikabbli ghalihom u tenut kont tal-eccezzjonijiet tal-konvenut. Kif ritenut, ma huwiex lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni (**Kollez. Vol. XLVIII P II p 777**)"* (**Grobett Holdings Limited vs Steve Abela et proprio et nomine** deciza mill-Qorti tal-Appell[3] fl-10 ta' Ottubru 2005). Sahansitra fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata fid-29 ta' Ottubru 2007 jargumenta li, *"…. t-tezi tieghu mill-bidu nett kienet li r-rimedju li jakkordali l-Att ma kienx rimedju li kien effettiv ghar-rigward tal-lamentali tieghu"*. Il-Qorti ma taqbilx in kwantu mic-citazzjoni hu evidenti li l-ilment tal-attur hu l-eghmil amministrattiv. F'kull kaz minn qari tal-ligi relattiva hu iktar minn evidenti li ghall-ilmenti tal-attur, kif espressi fl-att tac-citazzjoni, il-mod ta' kontestazzjoni u ksib ta' rimedju hu provdut dwaru fil-ligi specjali (l-Att numru 1 tal-1992).

"4. Skond l-Artikolu 52(9) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap. 356):

*"Kull persuna li thossha aggravata b'avviz ta' twettieq notifikat lilha tista', fi zmien hmistax-il gurnata min-notifika tal-avviz, tappella kontra tieghu lill-Bord tal-Appell, u dwar kull appell bhal dak il-Bord:*

*(a) jekk ikun sodisfatt li permess ikun inghata skond dan l-Att, jew skond kull ligi ohra li giet qabel dan l-Att li kienet tirregola l-permessi tal-bini, ghall-izvilupp li ghalih l-avviz ta' twettieq jirreferi, jew li ma kien mehtieg ebda permess ghalih, skond kif ikun il-kaz, u li l-kundizzjonijiet li ghalihom il-permess kien suggett gew imharsa, ghandu jhassar l-avviz ta' twettieq li dwaru jkun sar l-appell jew dik il-parti tieghu li dwarha l-Bord ikun sodisfatt kif imsemmi qabel;*

*(b) f'kull kaz iehor ghandu jichad l-appell"*.

"5. Il-Qorti hi tal-fehma li l-ilment tal-attur jinkwadra ruhu f'dawk il-funzjonijiet u poteri moghtija b'ligi specjali lill-Bord

[3] Imhallef Philip Sciberras.

tal-Appell dwar l-Ippjanar (Artikolu 15 tal-Kap. 356). Fosthom ghandu gurisdizzjoni sabiex:

*"(a) jisma' u jiddeciedi appelli maghmula minn min ihossu aggravat hlief ghal terzi persuni interessati b'decizjoni tal-Awtorità dwar kull haga ta' kontroll tal-izvilupp,* ***inkluz it-twettieq ta' dak il-kontroll****"*

"6. Jirrizulta wkoll li l-attur intavola appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar kontra l-Avviz biex Tieqaf u tat-Twettiq kif wara kollox kellu dritt li jaghmel skond l-Artikolu 52(10) tal-Att numru 1 tal-1992. L-ilmenti kollha tal-attur f'din il-kawza, anke jekk seta' naqas milli jressaq xi whud minnhom fl-appell li ntavola mill-Avviz ta' Twaqqif u Twettieq, kellu kull opportunita` li jressaqhom quddiem il-Bord skond l-Artikolu 15 ta' Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap. 356). Skond l-Att numru 1 tal-1992 dawn il-kwistjonijiet huma ta' gurisdizzjoni tal-Bord u d-decizjoni tieghu hi finali hlief dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord li minnhom gie provdut li jkun hemm appell lil din il-Qorti tal-Appell. L-attur ghamel uzu mir-rimedju moghti minn din il-ligi specjali ghal dak li hu appell quddiem il-Bord. Anke kieku m'ghamilx uzu minnu gialadarba din il-ligi tipprovdi rimedju *ad hoc*, min irid jilmenta mill-hrug ta' Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq ghandu jirrikorri ghall-procedura li tistabilixxi l-istess ligi u mhux jirrikorri ghal xi procedura ohra. Dan iktar u iktar meta wiehed iqies l-aspetti teknici li gew sollevati mill-attur u li a bazi taghhom qieghed jippretendi li l-attivita` li kien qieghed jaghmel fil-bahar kienet wahda legittima. Dan il-Bord twaqqaf primarjament sabiex jirrivedi decizjonijiet li jkunu ttiehdu mill-Awtorita` konvenuta u li fihom ikun hemm aspetti ta' natura teknika (ara f'dan is-sens sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell deciza fit-28 ta' Ottubru 2002 fl-appell **Jason Zammit vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp**. Ma jistax l-attur issa jippretendi li din il-Qorti terga' tistharreg dak li skond il-ligi specjali ghandu jigi mistharreg mill-Bord, u minn liema decizjoni hemm dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord. Dan apparti l-fatt li dan m'huwiex kaz fejn qeghda tigi mpunjata d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar. L-attur m'ghandu l-ebda dritt li

jippretendi li d-decizjoni moghtija mill-Bord tigi njorata, u liema decizjoni kienet stharrget u ddecidiet fuq il-kwistjoni jekk hemmx bzonn ta' permess ta' zvilupp ghall-attivita` li kien qieghed jaghmel l-attur. Inoltre, il-fatt li wiehed ikun ghamel appell quddiem il-Bord u l-appell ikun gie rifjutat ma jfissirx b'daqshekk li jkun gie li ezawrixxa r-rimedji li toffrilu l-ligi u li allura jkollu dritt li jaghmel proceduri simili ghal dawk odjerni. L-Artikolu 469(A)(4) xorta jrid jigi sodisfatt, irrispettivament jekk ikunx sar appell quddiem il-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar.

"7. Irid jigi rilevat ukoll li fic-citazzjoni l-attur accenna ghal fatt li nies ohra fl-istess negozju bhall-attur *"thallew jaghmlu attivita` kbir ta' water sport fl-istess bajja u fuq ir-ramel bil-jet skies,…..".* L-attur qiesu qieghed jaccenna ghal xi agir diskriminatorju. Fil-kawza fl-ismijiet **Richard Zammit vs Chairman tal-Awtorita` tal-Ippjanar** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2002 gie osservat: *"Ma hemm xejn li jzomm il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar meta jkun qieghed jirrevedi xi decizjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar li jara li l-istess Awtorita` tkun agixxiet intra vires, li hija tkun segwiet il-principji tal-gustizzja naturali, li hija tkun osservat il-htigijiet procedurali mandatorji imposti mil-ligi, u li hija ma tkunx abbuzat mis-setghat li l-ligi kkonferiet fuqha, billi, per ezempju, hadet iddecizjoni ghall-ghanijiet mhux xierqa jew ibbazat l-istess decizjoni fuq konsiderazzjonijiet li ma kienux rilevanti ghall-kaz"*. Sahansitra fil-kawza fl-ismijiet **Teddy Rapa vs Chairman tal-Awtorita` tal-Ippjanar** deciza fil-31 ta' Mejju 2000 mill-Qorti Kostituzzjonali, ikkonfermat li ma kien hemm *"xejn x'jostakola lill-Bord tal-Appell jindaga u jiddeciedi allegazzjoni ta' diskriminazzjoni bhal dik avvanzata mir-rikorrent…Li din il-Qorti tixtieq tissottolineja hu li l-organi gudizzjarji jew kwazi gudizzjarji kollha kienu fid-dover li jinterpretaw u japplikaw il-ligi, fosthom l-Att Numru 1 tal-1992, fid-dawl tal-assjem tad-dritt Malti li certament jinkludu wkoll ir-rispett tad-drittijiet fondamentali, u dan sa fejn dan kie konsentit lilhom li jaghmlu fil-parametri tal-ligi li huma jkunu qieghdin jinterpretaw …….".* Fil-fehma tal-Qorti, kull kumment iehor f'dan ir-rigward ikun superfluwu.

“8. Ghal dak li jirrigwarda l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija, mill-provi li ressaq l-attur hu evidenti li dan il-konvenut ma ha l-ebda decizjoni. L-ufficjali tal-pulizija marru fuq il-post u dan bhala ghajnuna lill-ufficjali tal-Awtorita` fl-infurzar tal-Avviz notifikat lill-attur. Id-decizjonijiet ttiehdu min-naha tal-Awtorita` konvenuta. Skond l-Artikolu 55A tal-Kap. 356, il-pulizija ghandha obbligu legali li taghti din l-ghajnuna lill-Awtorita` fit-twettieq. Il-Qorti tkompli tikkonferma kemm m’hemm ebda responsabbilta’ min-naha ta’ dan il-konvenut mill-fatt ukoll li fl-affidavit li ghamel l-attur (fol. 159-162) ma sar l-ebda accenn ghall-agir ta’ dan il-konvenut.

“Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar in kwantu din il-Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni ai skond l-Artikolu 469A tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, tichad it-talbiet tal-attur.

“Spejjez kollha huma a karigu tal-istess attur.”

## <u>L-AGGRAVJI TAL-ATTUR</u>

2. L-attur hassu aggravat b’din is-sentenza u ghalhekk interpona appell minnha, ghall-fini ta’ revoka, fuq l-aggravji li, in succint, jistghu jingabru fis-segwenti:

(i) li l-“motiv” li fuqu l-ewwel Qorti sejset l-interpretazzjoni taghha tal-Artikolu 469A(4) tal-Kap. 12 “inezza’ ghal kollox lill-Qrati ordinarji mill-Gurisdizzjoni naturali taghhom biex jistharrgu l-validita` tal-ghemejjel amministrattivi”. L-ewwel Qorti kienet invece tenuta li taghti “interpretazzjoni restrittiva meta din il-gurisdizzjoni tkun qeghda titnaqqar ossia tigi ristretta b’xi ligi” u dan ukoll ghax hawn si tratta ta’ deroga ghall-gurisdizzjoni li ghandhom il-Qrati Civili.

(ii) Il-Qrati ordiinarji ma jissindikawx l-operat ta’ Tribunal Specjali kemm-il darba biss id-decizjoni taghhom tkun twettqet fil-limiti tal-ligi.

(iii) L-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qrati biex jistharrgu ghemil amministrattiv ikun gustifikat biss kemm-il darba jkun jirrizulta li kien hemm rimedju effikaci fil-prattika u mhux bhala dritt astratt u/jew inadegwat. L-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ma kellha ebda setgha li tohrog “stop-notice” u, kwindi, d-decizjoni li hadet kienet ultra vires. L-Art. 52 tal-Kap. 356 ma jaghtihiex tali awtorita` li tohrog “stop-notice” fuq zvilupp illegali fil-bahar. Il-Bord tal-Appell bid-decizjoni li ha “ecceda l-poteri tieghu, in kwantu huwa ffakoltizzat (sic) biex jistatwixxi dwar dawk il-forom ta’ zvilupp li dwarhom il-ligi tista’ tohrog ‘stop-notice’”. Ghalhekk isegwi li ordni ta’ “stop-notice” dwar zvilupp fuq il-bahar, li kien jezorbita mis-setghet tal-MEPA, jista’ jigi sindikat mill-Qrati.

(iv) Bla pregudizzju ghas-suespost, l-uzu ta’ opri tal-bahar ma jinkwadrax ruhu fid-definizzjoni ta’ “zvilupp” moghtija mill-Artikolu 30(2) tal-Kap. 356 u lanqas jinkwadra ruhu fl-Art. 30(4) tal-Kap. 356.

(v) La l-MEPA m’ghandhiex gurisdizzjoni, lanqas allura m’ghandu l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar. Ghalhekk ghal kazi simili ma jezistix Tribunal Specjali biex jitratta l-kaz. Ghalhekk mhux ta’ ostakolu ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji d-dispozizzjoniji tal-Art. 469A(4).

(vi) Dwar l-eccezzjoni li l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija tharrek inutilment – li giet milqugha – ma saret ebda prova min-naha tal-eccipjent. Dan il-konvenut fil-fatt ma kienx prezenti biss ghaz-zamma tal-bon ordni imma ha sehem fil-htif fiziku tal-opri tal-bahar u l-ingenji tal-appellant.

(vii) Barra s-suespost, l-appellanti ghandu talba ghal likwidazzjoni u hlas ta’ danni li sofra minhabba l-istat ta’ abbandun tal-ingenji u opri tal-bahar waqt li dawn kienu fil-kustodja illegali min-naha tal-MEPA – danni li jammontaw “ghal eluf kbar ta’ liri”. Bid-decizjoni taghha l-appellant safa’ mcahhad mid-dritt tieghu ta’ access ghall-

Qorti li jikseb kumpens ghad-danni li sofra kawza tat-traskuragni tal-konvenuti appellati.

**IR-RISPOSTA TAL-AWTORITA` TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

3. Peress li r-risposta tal-MEPA kienet manifestament tardiva, din il-Qorti ordnat l-isfilz taghha fl-udjenza tat-8 ta' Frar 2010. Il-partijiet, izda, inghataw l-opportunita` li jipprezentaw noti ta' referenzi u spjegattivi.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. Bhala fatti li taw lok ghal din il-vertenza, mill-provi prodotti, in sintesi, johorgu dawn li gejjin:

(i) Fl-1990, l-attur kellu licenzja mahruga mill-pulizija biex jikri,
"canoes, paddle-boats and wind-surfers from a garage adjacent to Beverly Hills, Telegraph Street, Nadur, Gozo". – ara kopji tal-original fosthom Dok. JF6, (a fol. 46 tal-process).

L-attur jixhed li fil-fatt il-licenzja kienet tmur lura sas-sena 1986. Jigi nnutat hawn li fil-licenzja ma hemm ebda tismija ta' "jet skis". Fil-licenzja – Dok. JF 10 a fol. 50 – hemm imnizzel li n-numru ta' "mechanically driven sea craft" huwa "nil" filwaqt li l-bqija tal-opri tal-bahar li huma komprizi huma kollha "not mechanically driven". L-ewwel Qorti rrilevat li wahda mill-kundizzjonijiet tal-permess kienet li,

"the equipment intended for hire is not mechanically propelled".

(ii) L-attur beda jopera intrapriza ta' kiri ta' opri tal-bahar taht l-isem generiku ta' *water sports* minn gewwa l-bajja tar-Ramla l-Hamra, limiti tax-Xaghra, Ghawdex;

(iii) Dan jidher li beda jaghmlu in forza ta' licenzja mahruga mill-Malta Maritime Authority fl-14 ta' Mejju 1998 (ara dokumenti, a. fol. 20 u fol. 21 tal-process, fosthom

ritratt bil-kulur). Jidher li l-licenzja kienet tkopri perijodu mit-8 ta’ Marzu 1998 sas-7 ta’ Mejju 1998.

(iv) L-attur gie notifikat b’Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq mahrug fil-15 ta’ Gunju 2002 (ara Dok. fol. 60) skond l-Artikoli 51 u 52 tal-Att nru. 1 tal-1992 Dwar l-Ippjanar u l-Izvilupp (Avviz numru 477/02).

(v) Ir-raguni ghal dan l-Avviz moghtija lill-attur appellant kienet is-segwenti:
“Ghandek zvilupp fi proprjeta` skedata minghajr permess li jikkonsisti f’attivita` ta’ kiri ta’ *water sports*, tqieghed ta’ *Jet skis* fil-bahar u tqieghid ta’ bagi fil-bahar;”

(vi) Fit-22 ta’ Lulju 2002, l-attur ipprezenta appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar.

(vii) Fit-23 ta’ Awwissu 2002, l-Awtorita` appellata infurzat l-avviz taghha billi hadet il-*jet skis* taht il-kustodja taghha.

(viii) Fid-9 ta’ Ottubru 2002, l-attur ipprezenta citazzjoni bil-ghajnuna legali – li hija din l-istess vertenza fil-Qorti tal-Appell;

(ix) Fl-24 ta’ Settembru 2003, il-Bord tal-Appell ta decizjoni “in parte” – deskritta bhala decizjoni preliminari – fejn irritjena li kwantu ghall-eccezzjoni tal-attur fis-sens li l-Awtorita` ma kenitx tenuta illi tistitwixxi proceduri fir-rigward ta’ “zvilupp fil-bahar” li l-“izvilupp” kien ikopri wkoll “ghal dak li jista’ jsir fuq il-bahar” u li ghalhekk kien jirrikjedi permess ta’ zvilupp.

(x) Fil-15 ta’ Marzu 2006, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda finalment hekk:
“Ghal dawn il-motivi, il-Bord jilqa’ l-appell limitament fis-sens illi in kwantu l-avviz jirreferi ghal attivita` ta’ kiri ta’ *watersports*, dan ghandu jikkolpixxi biss il-kiri ta’ *jet skis* filwaqt illi in kwantu jirreferi ghal tqeghid ta’ *jet skis* u bagi fil-bahar, jikkonfermah *in toto*.”

(xi) Fit-3 ta' Dicembru 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, iddecidiet li, fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi, citati minnha, "l-appellant (attur) ma setax jintavola l-proceduri odjerni".

(xii) Fil-21 ta' Dicembru 2007, l-attur interpona l-appell in dizamina biex jirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti ghar-ragunijiet gia` msemmijin *supra*.

(xiii) Ghall-kompletezza tal-fatti, jizdied jinghad li kien hemm tentattiv – fil-mori tal-proceduri – biex l-imsemmija *jet skis* jigu ritornati lill-attur, izda billi l-kundizzjonijiet rikjesti mill-Awtorita` detentrici ma gewx accettati mill-appellant, l-istess tentattiv falla.

5. B'verbal datat il-11 ta' Mejju 2007, il-partijiet ftehmu li qabel kollox kellha tigi trattata u deciza l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-MEPA, jigifieri:
"1. Illi preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni u dan a tenur tal-provvedimenti tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12".

Issa fl-artikolu surreferit insibu, fost ohrajn, li gej:
"(4) Id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedjuu dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra".

6. L-aggravju ewlieni tal-attur huwa li l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti tal-Artikolu 469A(4) kienet wahda restrittiva wisq u kienet allura tali illi "tnezza' ghal kollox il-Qrati ordinarji mill-gurisdizzjoni naturali taghhom biex jistharrgu l-validita` tal-ghemejjel amministrattivi". L-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qrati hija konsentita biss meta jkun hemm rimedji effikaci fil-prattika.

Din il-Qorti wara li kkunsidrat is-sottomissjonijiet kemm ta' naha u kemm ta' ohra, hija tal-ferma konvinzjoni li l-attur appellant huwa zbaljat meta jghid li f'dan il-kaz il-Qrati ordinarji kellhom gurisdizzjoni ghall-kaz migjub minnu. L-attur kien jaf li <u>rimedju prattiku</u> kien hemm ghall-ilmenti tieghu biex jikkontesta l-Avviz ta' Twettieq mahrug kontra

tieghu. Kien sewwa sew ghalhekk li huwa pprevalixxa ruhu mir-rimedju moghti lilu *ex lege* billi appella mid-decizjoni tal-MEPA u ressaq l-ilment tieghu ghal fini ta' revizjoni quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar. Dan il-Bord, minkejja l-ostakoli min-naha tal-attur stess, mhux biss sema' l-appell tal-attur, imma spicca biex laqa' parti mill-appell tieghu u cahad parti ohra. Di fatti s-sentenza emessa minn dan il-Tribunal amministrattiv – ara decizjoni tal-15 ta' Marzu 2006 – tghid hekk:
"Ghal dawn il-motivi, il-Bord jilqa' l-appell limitatament fis-sens illi in kwantu l-Avviz jirreferi ghal attivita` ta' kiri ta' *watersports*, dan ghandu jikolpixxi biss il-kiri ta' *jet skis*, filwaqt illi in kwantu jirreferi ghal tqeghid ta' *jet skis* xi bagi fil-bahar, jikkonfermah *in toto*. L-avviz ma ghandux jibqa' jsehh qabel sittax-il gurnata mil-lum."
Evidentement l-attur ma kien jaqbel xejn ma' l-interpretazzjoni li nghatat dwar x'kien jikkomprendi it-terminu "zvilupp". Skond it-tezi tieghu, dan l-"izvilupp" kien jirriferi biss ghal zvilupp fuq l-art u mhux ukoll fuq il-bahar. Il-Bord tal-Appell tal-Ippjanar ta invece interpretazzjoni diversa u aktar ampja, apparti konsiderazzjonijiet ohra jigifieri li z-zona *de quo* kienet wahda skedata u l-licenzja mahruga lill-attur kienet tkopri biss opri tal-bahar illi ma kinux "mechanizally driven". L-attur ghandu kull dritt ihaddan opinjoni differenti f'dik li hija interpretazzjoni, imma daqstant iehor m'ghandux dritt jippretendi li l-operat tal-MEPA u d-decizjoni tal-Bord tal-Appell tal-Ippjanar kienu allura *ultra vires*.

7. Il-lanjanza tal-attur hija fis-sens li ghalkemm huwa jirrikonoxxi li s-subartikolu (4) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 jizvesti l-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji f'dak li hu l-istharrig ta' ghemil amministrattiv, jikkontendi li fejn ma hemmx rimedju prattiku jew fejn jintwera li t-Tribunal mahluq in forza tal-ligi dwar l-Ippjanar ikun agixxa *ultra vires* u mar barra mill-parametri tal-ligi, allura hemmhekk ikun hemm gurisdizzjoni fil-Qrati ordinarji biex jissindikaw huma x'gara u ma garax u, f'kaz ta' sejbien ta' ksur tal-ligi, il-Qrati jkunu mbaghad jistghu jipprovdu huma rimedju idoneju. Fil-kaz in ezami, l-appellant jissottometti li l-MEPA ma kellhiex is-setgha li tohrog *stop-notice* rigwardanti "zvilupp" fil-bahar, u ghalhekk kemm l-avviz

mahrug u dak kollu li sehh wara, inkluza d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell kien zbaljat u *ultra vires*.

8. Jigi rilevat mela – korrettement – li l-attur deherlu opportun li jappella mill-ghemil tal-MEPA fil-hrug tal-Avviz. Huwa ghamel hekk bil-konsapevolezza li huwa proprju dan it-Tribunal (i.e. il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar) li ghandu l-kompetenza shiha li jistharreg u jiddeciedi dwar l-ilment tieghu. Fil-fatt, <u>parti</u> mill-ilment tieghu gie milqugh. Issa bil-fatt li l-attur ma qabilx ma' dik il-parti rigwardanti l-projbizzjoni tal-uzu ta' *jet skis* f'zona skedata ma jintitolahx jagixxi addizzjonalment b'kawza civili quddiem il-Qrati ordinarji. Gustament, taht dan l-aspett, l-ewwel Qorti ghamlet riferenza ghall-Artikolu 15 tal-Kap. 356 dwar x'jaqa' fil-gurisdizzjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, u dan ghaliex l-inciz (a) ta' dan l-artikolu jaghti s-setgha lill-Bord illi,

"jisma' u jiddeciedi appelli maghmula minn min ihossu aggravat hlief ghal terzi persuni interessati b'decizjoni tal-Awtorita` dwar kull haga ta' kontroll tal-izvilupp, inkluz it-twettiq ta' dak il-kontroll."

Dak li sar u gie esegwit mill-awtorita` konvenuta certament kien relatat ma' "kull haga ta' kontroll tal-izvilupp, inkluz t-twettieq ta' dak il-kontroll".

9. Stabbilit, mela, li l-gurisdizzjoni dwar l-ghemil tal-MEPA kienet tispetta lill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar f'kaz li l-persuna interessata thossha aggravata, jibqa' l-punt dwar jekk fil-qadi ta' l-inkariku tieghu, il-Bord eccedix dak li l-ligi tqieghed fil-kompetenza tieghu. Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, ma jidhrilhiex li kien hemm xi operat li jista' b'xi mod jigi kwalifikat bhala wiehed *ultra vires*. Il-punt ewlieni li l-Bord kellu jiddeciedi kien dwar jekk l-Artiklu 52 tal-Kap 356 jestendix ukoll ghal attivita` fuq il-bahar. Skond l-attur il-bahar u "zvilupp" fuqu, a differenza ta' zvilupp fuq l-art, ma kienx jidhol fil-mansjoni tal-izvilupp kif koncepit mil-ligi. Is-sentenza preliminari moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fl-24 ta' Settembru 2003 (ara fol 273-276) hija wahda ezawrijenti u approfondita. Minnha johrog bic-car li "zvilupp" jikkomprendi tibdil "f'art jew fil-bahar, jew fuqhom jew 'l fuq minnhom jew tahthom,

jew kull bidla sustanzjali fl-uzu tal-art jew bini minbarra". Barra minn dan, l-Artikolu 30(4) ikompli jfisser hekk:

"(4) Ghall-ghanijiet ta' dan l-artikolu, zvilupp li ghandu x'jaqsam mal-bahar jinkludi riklamazzjoni tal-art mill-bahar, akwakultura, u zvilupp ta' xtut u uzu relatat ma' tali zvilupp." (Sottolinear tal-Qorti)

Huwa veru li fit-test Ingliz il-kelma "land" ma tissemmhiex specifikatament fir-rigward ta' proceduri ta' twettieq dwar zvilupp. In forza tal-Att numru XXI tal-2001, il-ligi giet emendata b'mod li skond l-Artikolu 52(14) hemm espressament ipprovdut illi meta l-izvilupp illegali jkun qieghed isir fil-bahar, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 52 xorta ghandhom japplikaw.

L-ewwel Qorti, korrettement fil-fehma ta' din il-Qorti, osservat li fl-appell tieghu quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar l-attur jidher li ma ressaqx l-ilmenti kollha li in segwitu ghazel li jipprova jressaq quddiem il-Qorti. L-ghazla ta' liema ilmenti kellhom jitressqu mill-attur quddiem il-Bord kienet ghal kollox f'idejh u issa ma jistax jippretendi li jisposta l-argumenti tieghu billi javvanza argumenti ohrajn quddiem *forum* differenti fuq l-istess fatti. Kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha:

"Skond l-Att numru 1 tal-1992 dawn il-kwistjonijiet huma ta' gurisdizzjoni tal-Bord u d-decizjoni tieghu hi finali hlief dwar punti ta' dritt deciza mill-Bord li minnhom gie provdut li jkun hemm appell lil din il-Qorti tal-Appell. L-attur ghamel uzu mir-rimedju moghti minn din il-ligi specjali ghal dak li hu appell quddiem il-Bord. Anke kieku m'ghamilx uzu minnu gialadarba din il-ligi tipprovdi rimedju *ad hoc*, min irid jilmenta mill-hrug ta' Avviz biex Tieqaf u Twettieq ghandu jirrikorri ghall-procedura li tistabbilixxi l-istess ligi u mhux jirrikorri ghal xi procedura ohra."

Bil-maqlub ta' dak li gie sottomess mill-attur appellant, ir-rimedju moghti mil-ligi lil min, bhalu, kellu interess jikkontesta "stop-notice" bhax-xorta li rcieva, kien wiehed ghal kollox idoneju u adegwat. Fil-fatt, li kieku ghall-grazzja tal-argument, il-Bord laqa' l-appell tal-attur fl-intier tieghu u mhux parzjalment, l-attur ma kien ikollu ghalfejn

jilmenta minn xejn aktar. Darba pero` li l-Bord laqa' biss parti mill-aggravji tieghu, dan ma jintitolax lill-attur li jressaq l-istess ilmenti jew ilmenti ulterjuri quddiem il-Qrati ordinarji bl-insistenza li zvilupp fuq il-bahar ma kienx ukoll kompriz fil-mansjonijiet tal-MEPA.

10. L-aggravju dwar il-prezenza tal-Kummissarju tal-Pulizija *qua* konvenut lanqas ma huwa fondat ghar-raguni li dan il-konvenut agixxa biss in ezekuzzjoni ta' dak li gie ordnat mill-MEPA u biex jassigura li tinzamm il-bon ordni u ma jinqalax inkwiet fl-operazzjoni tat-tehid tal-opri tal-bahar. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint in kwantu l-Kummissarju tharrek bla htiega.

11. L-ahhar ilment tal-attur huwa dak li fost it-talbiet tieghu hemm ukoll talba ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni li huwa jallega li sofra "minhabba l-istat ta' abbandun tal-ingenji u opri tal-bahar waqt li dawn kienu fil-kustodja illegali min-naha tal-MEPA". Jghid l-attur li bid-decizjoni moghtija, l-ewwel Qorti cahditu mid-dritt ta' access ghal Qorti li jitlob u jikseb kumpens ghad-danni "kawza tat-traskuragni tal-konvenuti appellati". Issa minn ezami tat-talbiet tal-attur fl-att promotorju ghandu jirrizulta bic-car li <u>originarjament</u> it-talba ghad-danni kienet <u>intimament relatata u mqeghda bhala talba konsegwenzjali</u> ghall-fatt li l-konvenuti agixxew barra mill-poteri li l-konvenuti kellhom jew seta' qatt kellhom (ara l-ewwel talba). It-talba dwar danni (ara t-tielet talba) kienet di fatti tirreferi "ghad-danni kollha sofferti mill-attur minhabba dan l-agir illegali u abbuziv taghhom". Dan ikompli jigi kkonfermat b'dak li hemm ifformulat fir-raba' u l-hames talbiet dwar likwidazzjoni u hlas tad-danni hekk sofferti. Il-kwistjoni, ossija l-allegazzjoni dwar hsarat fl-apparat maqbud, minhabba traskuragni, bdiet tevolvi biss man mano li bdiet tinstema' l-kawza. Kwindi, fil-fehma tal-Qorti, l-attur ma setax jisposta l-enfasi tat-talbiet tieghu b'mod li dak li deher li tressaq bhala talba konsegwenzjali ghal tehid illegali <u>jinbidel</u> f'talba *ad hoc* dwar danni dovuti minhabba traskuragni. Bl-istess mod – u fuq dan ukoll tajjeb ikkummentat l-ewwel Qorti – l-attur ma setax iressaq argumenti godda u differenti minn dawk li ressaq u seta' liberament iressaq quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar. Apparti l-fatt li lanqas fil-kaz ta' dawn l-ilmenti

"godda" ma jidher li l-attur kellu ragun. Hu x'inhu l-kaz, m'huwiex permissibbli ghall-attur li, fil-pendenza tal-kawza, jbiddel il-kawzali u d-domandi li fuqhom ikun ibbaza originarjament l-azzjoni tieghu. Hekk ara, fost diversi ohrajn simili, id-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **Grobbett Holdings Limited v. Steve Abela et proprio et nomine**, Qorti tal-Appell, 10 ta' Ottubru, 2005, citata wkoll mill-Qorti tal-ewwel grad.

Ghalhekk ebda wiehed mill-aggravji tal-attur ma jidhru li huma fondati u qeghdin ghalhekk jigu respinti.

12. Fl-ahharnett, din il-Qorti thossha fid-dmir li *obiter* tosserva li sabitha ferm stramba kif l-attur gie ammess biex jipprocedi bil-kawza tieghu bil-beneficcju tal-ghajnuna legali fuq il-premessa, in data tat-2 ta' Ottubru 2002 (ara rikors fol. 8 u 9), illi huwa "m'ghandu l-ebda introjtu, jinsab disokkupat u m'ghandu l-ebda mezzi tal-ghixien u l-uniku proprjeta` immobbli li ghandu hija d-dar residenzjali tieghu……".

Issa apparti li dan it-taghrif li hemm fir-rikors *de quo* lanqas biss gie, ta' lanqas, sottopost ghal konferma guramentata qabel ma gie akkolt (minn imkien ma tidher il-konferma bil-gurament imsemmija a fol. 8) jirrizulta *ictu oculi* li barra r-residenza tieghu (dikjarata) ta' "Beverly Hills" fin-Nadur, l-attur kien ilu snin twal jopera kummercjalment. Kien jikri garaxx biex fih izomm l-opri tal-bahar, kien ihallas lill-awtoritajiet kompetenti diversi licenzji biex izomm u jhaddem "Water Sports Centre" fil-Bajja tar-Ramla l-Hamra, Ghawdex, u jidher li kellu certament numru ta' opri tal-bahar. Biss biss, skond il-perit gudizzjarju – f'relazzjoni a fol. 114-128 maghmula tassew b'mod dilettantesk jekk wiehed jabbinaha mad-deposizzjoni tar-relatur in eskussjoni (ara fol. 152-156 tal-process) – iz-zewg *jet skis* wahidhom kienu jqumu madwar Lm4,500 'l wiehed. Oltre dawn, presumibbilment l-attur kellu opri tal-bahar ohrajn fl-intrapriza tieghu, almenu skond kif jidher miil-licenzji li kellu f'idejh. Ghalhekk, sakemm l-attur ma ftaqarx habta u sabta mal-konfiska taz-zewg *jet skis* in kwistjoni, din il-Qorti ma tasalx biex tifhem il-facilita`, anzi ahjar il-leggerezza, li

biha t-talba tieghu ghall-beneficcju fuq imsemmi giet akkordata. L-istess attur kien qabbad “accountant”, ghal fini prova dwar tad-danni, li pprezenta “projected financial reports” ghas-snin 2002-2004 (ara fol. 79-88 tal-process). Ghas-sena 2002 (meta inhareg l-i“stop-notice”), il-profitt nett kien ipprospettat li ser ikun fl-ammont ta’ Lm5,292, filwaqt li ghas-sena ta’ wara kellu jitla’ ghal cifra ferm oghla ta’ Lm17,095 (fol. 84)! Kull kumment iehor ikun superfluwu.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu. In vista ta’ dak senjalat fil-paragrafu 12 ta’ din is-sentenza, tordna li kopja tal-istess tigi komunikata mir-Registratur lill-Ministru responsabbli mill-Gustizzja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------